MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 403/2014

**Dr. Ann Fenech bhala mandatarju specjali**

**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera**

**Macquarie Bank Limited, kif surrogata fid-drittijiet**

**tal-Awtorita' ghat-Transport f'Malta,**

**tal-assenti Amir Munir, Jia Song, Jinqiang Zhang,**

**Changcai Lin, Zhe Zhang, Kunfa Zhang,**

**Qinghua Chen, Xiangdong Xin, Feipeng Hou,**

**Yun Zhao, Xiaoliang Zheng, u Ramon Gubaton Luna**

**kif ukoll fid-drittijiet tas-socjetajiet Maltin**

**Salvo Grima & Sons Limited,**

**San Lucian Oil Company Limited,**

**Island Bunker Oils Limited u**

**Cassar Petroleum Services Limited**

**vs**

**Il-Bastiment A Ladybug**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici nomine tat-12 ta' Mejju 2014 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici Macquarie Bank Limited ghandha zewg ipoteki navali registrati fuq il-bastiment intimat li jgib l-isem 'A Ladybug' bin-numru tal-IMO 9441867, jtajjar il-bandiera tal-Panama u huwa proprjeta tas-socjeta estera A Ladybug Corporation.

2. Illi kif ser jigi spjegat iktar 'l isfel, l-istess socjeta attrici hallset numru ta' kredituri tal-bastiment intimat bil-konsegwenza illi l-istess attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-istess kredituri ghall-ammonti li gew mhallsin.

3. Illi din il-kawza qeda tigi ntavolata sabiex is-socjeta rikorrenti, fil-fuq imsemmija kapacita taghha tkun tista' tigbor u tirkupra l-istess ammonti minghand il-bastiment intimat.

A. KAPTAN, UFFICJALI U MEMBRI TAL-EKWIPAGG

4. Illi l-assenti Amir Munir (Passaport numru AB 0728512), Jia Song (Passaport numru E 10462422), Jinqiang Zhang (Passaport numru G 33631200), Changcai Lin (Passaport numru G 37206358), Zhe Zhang (Passaport numru G 28568888), Kunfa Zhang (Passaport numru G 48742569), Qinghua Chen (Passaport numru G 44661669), Xiangdong Xin (Passaport numru G 22955147), Feipeng Hou (Passaport numru G 46639974), Yun Zhao (Passaport numru G 44495267), Xiaoliang Zheng (Passaport numru G 37086687) rendew servizz bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq il-bastiment intimat.

5. Illi sfortunatament il-bastiment intimat u s-sidien tieghu naqas mill-obbligi tieghu taht il-kuntratti tal-impjieg tal-membri tal-ekwipagg li hadmu abbord il-bastiment intimat; u cioe naqas milli jhallas il-pagi, salarji u hlasijiet ohra dovuti lil diversi membri tal-ekwipagg (kopji tal-kuntratti tal-impjieg anessi mar-Receipt letters and deeds of subrogation hawn annessi u immarkati kollettivament bhal Dok 'A ').

6. Illi nonostante l-interpellazzjonijiet varji da parti tal-istess kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg sabiex jithallsu l-ammonti dovuti skond il-kuntratti tal-impjieg taghhom, l-bastiment intimat u s-sidien tieghu baqghu inadempjenti.

7. Illi sabiex dawn il-membri tal-ekwipagg ma jispiccawx f'sitwazzjoni prekarja u cioe f'pajjiz barrani bla ebda mezz ta' ghexien jew flus fidejhom, u/jew sabiex dawn ikunu f'posizzjoni li jmorru lura lejn pajjizhom, is-socjeta rikorrenti iddecidiet li thallas l-ammonti dovuti mis-sid tal-bastiment intimat lil dawn il-membri tal-ekwipagg sad-data tar-ripatriazzjoni taghhom, li kienet it-13 ta' Frar 2014, bil-konsegwenza li l-istess socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-istess kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg.

8. Illi s-socjeta attrici halset s-somma totali ta' sitta u disghin elf, disgha mija u sitta u sittin elf dollaru Amerikan u hamsin centezmu (US$96,966.50) ekwivalenti bir-rata tal-kambju tal-bierah ghal circa sebghin elf, tlett mija u tnejn u sittin ewro u sitta u erbghin centezmu (ewro €70,362.46), rapprezentanti f’pagi, salarji, termination bonuses u l-spejjez ta' ripatriazzjoni dovuti mill-bastiment u/jew is-sidien tieghu lill-istess membri tal-ekwipagg.

9. Illi in vista ta' dawn il-pagamenti, kull membru tal-istess ekwipagg iffirma Receipt Letter And Deed of Subrogation a favur is-socjeta attrici Macquarie Bank Limited fejn ikkonfermaw (1) illi dawn is-sommom mhallsin kienu kollha dovuti lilhom mill-bastiment intimat u/jew is-sidien tieghu (2) illi s-socjeta attrici halsithom l-istess ammonti u (3) illi s-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet taghhom. Kopji ta' dawn ir-Receipt Letter And Deed of Subrogation hawn annessi u immarkati kollettivament bhala Dok 'A'.

10. Illi jinghad ukoll illi wiehed mill-membri tal-ekwipagg, Ramon Gubaton Luna dentetur ta' Passaport Filippino Numru EB 1915482, sofra attack ta' puplesija waqt li hu kien qed jirrenda servizz abbord il-bastiment intimat u fil-fatt fis-16 ta' Ottubru 2013 kellu jigi evakwat mill-istess bastiment permezz ta' helikopter sabiex jircievi il-kura medika li kellu bzonn.

11. Illi wara li rcieva kura medika lokalment, dan kellu jircievi aktar kura medika gewwa l-Filippini, liema kura ammontat ghat-total ta' tmientax-il elf, tmien mija u erbgha dollaru Amerikan u erbgha u sittin centezmu (US$ 18,804.64) u kellha tigi mhallsa mis-sid tal-bastiment intimat u dan skond il-kuntratt tal-impjieg tal-istess membru tal-ekwipagg.

12. Illi nonostante l-interpellazzjonijiet varji da parti tal-istess membru tal-ekwipagg sabiex jithallas dan l-ammont dovut skond il-kuntratt tal-impjieg tieghu, l-bastiment intimat u s-sidien tieghu baqghu inadempjenti.

13. Illi minhabba l-fatt illi dan il-kreditu huwa ukoll pregradwat u jgawdi privilegg specjali a tenur tal-artikolu 50(h) u/jew 50(i) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta attrici Macquarie Bank Limited hadet id-decizjoni li thallas dan l-ammont lii Ramon Gubaton Luna sabiex tigi surrogata fid-drittijiet tal-istess membru tal-ekwipagg u ghalhekk halset is-somma ta' tmientax-il elf, tmien mija u erbgha dollaru Amerikan u erbgha u sittin centezmu (US$ 18,804.64) ekwivalenti bir-rata tal-kambju tal-bierah ghal circa tlettax-il elf, sitt mija u hamsa u erbghin ewro u erbgha u tlettin centezmu (ewro €13,645.34) lil Ramon Gubaton Luna.

14. Illi in vista ta' dan il-pagament, Paul Falzon (dentetur tal-karta tal-identita numerata 143460(M) ir-rapprezentant lokali tal-International Transport Workers' Federation gewwa Malta, fil-kapacita bhala l-mandatarju specjali ta' Ramon Gubaton Luna, iffirma Receipt Letter And Deed of Subrogation a favur is-socjeta attrici Macquarie Bank Limited fejn ikkonferma (1) illi din is-somma mhallsa kienet dovuta lil Ramon Gubaton Luna mill-bastiment intimat u/jew is-sidien tieghu (2) illi s-socjeta attrici halset l-istess ammont lil Ramon Gubaton Luna u (3) illi s-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' Ramon Gubaton Luna. Kopja ta' dan ir-Receipt Letter And Deed of Subrogation hawn anness u immarkat bhala Dok 'B'.

B. L-AWTORITA GHAT-TRANSPORT F'MALTA

15. Illi l-bastiment intimat jinsab fl-ibhra territorjali ta' Malta fid-data tar-rikors guramentat odjern u dan stante li r-rikorrenti talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar bin-numru 497/2014 bil-ghan li tassigura li l-bastiment nomine jibqa' fil-gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti

16. Illi inoltre jinghad ukoll illi l-Awtorita ghat-Transport f'Malta kienet kreditrici tal-bastiment intimat ghall- (i) ammont ta' erbgha u sebghin elf, disa' mija u hamsin ewro (€74,950) rapprezentanti anchorage fees dovuti mill-istess bastiment ghall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2013 sat-30 ta' April 2014, kif ukoll (ii) ghall-ammont ta' tmienja u erbghin elf, erbgha mija u hamsa u tmienin ewro (€48,485) ghall-provvista ta' emergency bunker fuel, li kien gie provdut iil bastiment intimat fl-14 ta' Dicembru 2013 wara rikjesta urgenti minghand il-Kaptan tal-bastiment lill-ufficjali tal-Awtorita ghat-Transport f'Malta.

17. Illi nonostante l-interpellazzjonijiet varji da parti tal-istess Awtorita lill-bastiment u is-sidien tieghu sabiex jithallsu l-ammonti dovuti lilhom, dawn tal-ahhar baqghu inadempjenti.

18. Illi minhabba l-fatt illi dawn il-krediti huma ukoll pregradwati u jgawdu privileggi specjali a tenur tal-artikolu 50(d) u/jew 50(g) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta attrici

Macquarie Bank Limited hadet id-decizjoni li thallas lill- Awtorita ghat-Trasport fMalta sabiex tigi surrogata fid-drittijiet ta' l-istess Awtorita u ghalhekk halset zewg pagamenti:

a) Wiehed ta' erbgha u sebghin elf, disa' mija u hamsin ewro (€74,950) ghall-hlas ta' anchorage dues; u

b) lehor ghas-somma ta tmienja u erbghin elf, erbgha mija u hamsa u tmienin ewro (€48,485) ghall-provvista' ta' emergency bunker fuel.

19. Illi ghalhekk is-socjeta attrici halset is-somma totali ta' mija u tlieta u ghoxrin elf, erbgha mija u hamsa u tlettin ewro (€123,435) lill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta bil-konsegwenza illi giet surrogata fid-drittijiet tal-istess Awtorita ghall-dawn l-ammonti mhallsin.

20. Illi in vista taz-zewg pagamenti, L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta iffirmat zewg Receipt Letter And Deed of Subrogation a favur is-socjeta attrici Macquarie Bank Limited fejn ikkonfermaw (1) illi dawn is-sommom mhallsin kienu kollha dovuti lilha mill-bastiment intimat u/jew is-sidien tieghu (2) illi s-socjeta attrici halsitha l-istess ammonti u (3) illi s-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet taghha. Kopji ta' dawn ir- Receipt Letter And Deed of Subrogation hawn annessi u immarkati bhala Dok 'C' u Dok 'D'.

C. IS-SOCJETAJIET MALTIN

21. Illi minn mindu l-bastiment intimat dahal gewwa l-ibhra territorjali ta' Malta u minhabba l-istat ta' emergenza li kien fih il-bastiment, il-Kaptan tieghu kellu jordna numru ta' provvisti kif ukoll diversi kunsinni ta' bunker fuel sabiex il-bastiment jibqa' fi stat li jista' jopera u sabiex l-membri tal-ekwipagg jkollhom ikel u ilma sabiex jghixu.

22. Illi is-segwenti socjetajiet Maltin, u cioe Salvo Grima & Sons Limited (C-9253), San Lucian Oil Company Limited (C-5387), Island Bunker Oils Limited (C-29787) u Cassar Petroleum Services Limited (C-45993), kollha ssupplixew lill-bastiment intimat b'ikel jew ilma jew b'bunker fuel.

23. Illi minhabba l-fatt illi dawn il-krediti huma ukoll pregradwati u jgawdi privileggi specjali a tenur tal-artikolu 50(d) u/jew 50(g) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta attrici Macquarie Bank Limited hadet id-decizjoni intemali thallas is-segwenti pagamenti:

a) Is-somma ta' hdax il-elf, hames mija u tmienja u sebghin ewro (€11,578) lis-socjeta Salvo Grima & Sons Limited (C-9253) ghall-provvisti u ilma li gew forniti lill-bastiment fit-8 ta' Jannar 2014. Kopji tal- fattura/i u d-delivery note/s annessi mar-rispettivi Receipt Letter and Deed of Subrogation annessi u immarkati kollettivament bhal Dok 'E'.

b) Is-somma ta' wiehed u sebghin elf, hames mija u erbatax-il ewro u sebgha u tlettin centezemu (€71,514.37) lis-socjeta San Lucian Oil Company Limited (C-5387) ghall-provista ta' bunker fuel li giet fomita lill-bastiment fIt-28 ta' Dicembru 2013. Kopji tal-fattura/i u d-delivery natels annessi mar-rispettivi Receipt Letter and Deed of Subrogation annessi u immarkati kollettivament bhal Dok 'E'.

c) Is-somma ta' tlieta u hamsin elf, sitt mija u tmienin ewro (€53,680) lis-socjeta Cassar Petroleum Services Limited (C-45993) ghall-provista ta' bunker fuel li giet fornita lill-bastiment fit-23 ta' Jannar 2014. Kopji tal-fattura/i u d-delivery note/s annessi mar-rispettivi Receipt Letter and Deed of Subrogation annessi u immarkati kollettivament bhal Dok 'E'.

d) Is-somma ta' sebghin elf, sitt mija u sittax-il ewro u erbgha u hamsin centezemu (€70,616.54) lis-socjeta Island Bunker Oils Limited (C-29787) ghall-provista ta' bunker fuel li giet fornita lill-bastiment fit-28 ta' Dicembru 2013. Kopji tal-fattura/i u d-delivery note/s annessi mar-rispettivi Receipt Letter and Deed of Subrogation annessi u immarkati kollettivament bhal Dok 'E'.

e) Is-somma ta' tlieta u erbghin elf, tlett mija u sebgha u sittin ewro u tnax il-centezmu (€43,367.12) lis-socjeta San Lucian Oil Company Limited (C-5387) ghall-provista ta' bunker fuel li giet fomita lill-bastiment fl-4 ta' Frar 2014. Kopji tal-fattura/i u d-delivery natels annessi mar-rispettivi Receipt Letter and Deed of Subrogation annessi u immarkati kollettivament bhal Dok 'E'.

f) Is-somma ta' tlieta u tmienin elf, sitt mija u sebghin ewro u disgha centezmu (€83,670.09) lis-socjeta San Lucian Oil Company Limited (C-5387) ghall-provista ta' bunker fuel li giet fornita lill-bastiment fit-22 ta' Marzu 2014. Kopji tal-fatturali u d-delivery notels annessi mar-rispettivi Receipt Letter and Deed of Subrogation annessi u immarkati kollettivament bhal Dok 'E'.

g) Is-somma ta' disgha u sittin elf, tmien mija u hdax-il ewro u erbgha u erbghin centezmu (€69,811.44) lis-socjeta San Lucian Oil Company Limited (C-5387) ghall-provista ta' bunker fuel li giet fornita lill-bastiment fl-10 ta' April 2010. Kopji tal-fatturali u d-delivery notels annessi mar-rispettivi Receipt Letter and Deed of Subrogation annessi u immarkati kollettivament bhal Dok 'E'.

h) Is-somma ta' hamest elef u sitt mitt ewro (€5,600) lis-socjeta Salvo Grima & Sons Limited (C-9253) ghall-provvisti u ilma li gew forniti lill-bastiment fit-8 ta' Jannar 2014. Kopji tal-fatturali u d-delivery notels annessi mar-rispettivi Receipt Letter and Deed of Subrogation annessi u immarkati kollettivament bhal Dok 'E'.

24. Illi ghalhekk is-socjeta attrici halset is-somma totali ta' erbgha mija u disgha telef, tmien mija u sebgha u tlettin ewro u sitta u hamsin centezmu (€409,837.56) lill-dawn id-diversi socjetajiet Maltin bil-konsegwenza illi giet surrogata fid-drittijiet taghhom ghall-imsemmija ammonti.

25. Illi in vista tal-pagamenti li rcievew, l-imsemmija socjetajiet Maltin (u cioe Salvo Grima & Sons Limited (C-9253), San Lucian Oil Company Limited (C-5387), Island Bunker Oils Limited (C-29787) u Cassar Petroleum Services Limited (C-45993)) kollha iffirmaw Receipt Letter And Deed of Subrogation a favur is-socjeta attrici Macquarie Bank Limited fejn ikkonfermaw (1) illi is-sommom li gew mhallsin kienu dovuti lilhom mill-bastiment intimat u/jew is-sidien tieghu (2) illi s-socjeta attrici halsithom dawn l-ammonti u (3) illi s-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet taghha ghall-dawk l-ammonti. Kopji ta' dawn ir- Receipt Letter And Deed of Subrogation relative hawn annessi u immarkati kollettivament bhala Dok 'E'.

KREDITI KOLLHA CERTI LIKWIDI U DOVUTI

26. Illi dawn il-krediti kollha huwa ukoll pregradwat u jgawdi privileggi specjali a tenur tal-artikolu 50 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

27. Illi ghalhekk dawn il-fuq imsemmija debiti kollha huma certi, likwidi u dovuti u r-rikorrenti nomine taf Ii l-bastiment intimat ma ghandhu l-ebda eccezzjoni valida x'jissoleva u taf hija nnifisha bil-fatti kif fuq indikati

Ghaldaqstant tghid il-bastiment intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ddispensat mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:

(i) Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u hmistax-il elf, seba' mija u wiehed u sebghin dollaru Amerikan u erbatax-il centezmu (US$ 115,771.14) ekwivalenti bir-rata tal-kambju tal-bierah ghal circa erbgha u tmenin elf u sebgha ewro u

tmenin centezmu (€84,007.80) kif ukoll is-somma ta' hames mija u tlieta u tlettin elf, mitejn u tnejn u sebghin ewro u sitta u hamsin centezmu (€533,272.56).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment intimat li hu min issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti kollha tas-socjeta attrici;

Rat illi dan ir-rikors gie notifikat lil bastiment intimat li ma pprezenta ebda risposta u anqas deher xi hadd ghas-seduta tat-2 ta’ Gunju 2014;

Semghet lil Dr. Adrian Attard ghas-socjeta attrici fejn bil-gurament tieghu iddikjara li mid-data li gie ipprezentant ir-rikors guramentat ma hemm ebda tibdil fic-cirkostanzi u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti prodotti t-talba attrici tidher gustifikata u l-krediti mitluba huma dovuti, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil bastiment konvenut jhallas lis-socjeta attrici l-ammont ta’ hmistax-il elf, seba' mija u wiehed u sebghin dollaru Amerikan u erbatax-il centezmu (US$ 115,771.14) ekwivalenti bir-rata tal-kambju kif mitlub ta’ erbgha u tmenin elf u sebgha ewro u tmenin centezmu (€84,007.80) kif ukoll is-somma ta' hames mija u tlieta u tlettin elf, mitejn u tnejn u sebghin ewro u sitta u hamsin centezmu (€533,272.56).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------